# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001.**

**Kawza Numru: 31**

**Citaz. Nru. 384/97GV**

**John Scicluna u ghal kull interess li jista' jkollha martu Carmen Scicluna**

**-vs-**

**Malta Drydocks**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi premettew illi l-attur John Scicluna huwa mpjegat bhala '*dock rigger*' il-Malta Drydocks;

Premess illi, f"incident li gara fis-6 ta' Mejju, 1995, fuq il-post tax-xoghol, cioe' fid-Drydocks, fejn l-attur kien dettaljat biex jahdem mill-Malta Drydocks, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur sofra danni konsistenti f'feriti

estensivi fuq il-persuna, li b'konsegwenza taghhom tilef xoghol u sofra debilita permanenti u danni ohra konsegwenzjali, kif indikat detaljatament fl'anness certifikat Dokument 'A'.

Premess illi ghali-istess incident u danni konsegwenzjali hija responsabbli unikament il-Malta Drydocks, minhabba II naqset Ii tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni.

Premess illi l-Malta Drydocks naqset ukoll milli taghmel dawk ix-xogholijiet ta' manutenzjoni fuq l-apparat, li huma necessarji u ntizi biex jigu evitati incidenti bhal dak in kwistjorti, u minhabba dan in-nuqqas ta' manutenzjoni, il-Malta Drydocks ghandha wkoll tirrispondl unikament ghall-imsemmi incident.

Premess illi, ghakemm interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Fran 1997, il-Malta Drydocks baghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident fuq rifenit, li gara fis-6 ta' Mejju 1995, waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna, u kwindi tiddikjara lill-Malta Drydocks responsabbli wkoll ghall-istess danni;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti miIl-atturi b'konsegwenza tal-imsemmi incident, anke permezz ta' periti nominandi; u

3. tikkundanna lill-istess Malta Drydocks thallas IiIl-atturi dik is-somma II tigi

hekk likwidata, bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar, 1997, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar, 1997, kontra l-Malta Drvdocks.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta Drydocks a fol. 10 tal-pocess fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. billi l-Malta Drydocks ma tahti bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tieghu.

2. Illi konsegwentement il-Malta Drydocks ma hija responsabbli ghal ebda danni li seta' sofra l-attur.

3 IIll bla pregudizzju ghas-sueccepiet il-korporazzjoni konvenuta nkarigat nies kompetenti biex jesegwixxu x-xoghol li ghandhom ukoll id-dover li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha rikjesti fil-ligi u skond is-sengha u ghal dan il-ghan tipprovdi wkoll il-facilitajiet u l-ghodod necessarji. Jekk kien hemm xi nuqqas fl-incident in kwistjoni, dan ma kienx la tal-korporazzjoni u anqas tad-dirigenti taghha u ghalhekk kull nuqas jew negligenza li tista' tirrizulta, ghandu jwiegeb ghaliha direttament min, jekk ikun il-kaz, jirrizulta li naqas jew kien negligenti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 39 li bih gie nominat l-espert mediku Mr. Charles Grixti;

Rat ir-rapport ta' l-espert a fol. 56;

Zammet access fuq il-post ta' l-incident ara fol. 66/71;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat in-noti tal-partijiet.

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara lill Malta Drydocks unikament responsabbli ghal incident tas-6 ta' Mejju, 1995 li fih korra l-attur u ghad danni rizultanti; tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li ma jahtu bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni u ma naqsu bl-ebda mod fil-konfront tieghu, ghalhekk m'huma responsabbli ghal ebda

danni; il-konvenuti inkarigaw nies kompetenti biex jesegwixxu x-xoghol li ghandhom ukoll id-dover li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha rikjesti fil-ligi u skond is-sengha u ghal dan il-ghan jipprovdu wkoll il-facilitajiet u l-ghodod necessarji. Jekk kien hemm xi nuqqas fl-incident in kwistjoni, dan ma kienx la tal-korporazzjoni u anqas tad-dirigenti taghha u ghalhekk kull nuqqas jew negligenza li tista' tirrizulta ghandu jwiegeb ghaliha direttament min, jekk ikun il-kaz, jirrizulta li naqas jew kien negligenti.

**PROVI**

**L-attur** xehed li jahdem mal-Malta Drydocks bhala Docker Rigger. Fis-6 ta' Mejju, 1995 kien ordnat *duty* jahdem '*back-up force*'. Kien liebes il-*protective clothing*, li jinkludi *safety shoes, hard helmet* u ngwanti. Dak in-nhar kien mal *captsan* u kien qed jigbed u jerhi it-*turns* ta' *steel wire* skond il-bzonn (ara skizz fol. 20). Kien fin-*number 2 dock*, u kien hiereg il-vapur 'Corto' u qed jaghmlu l-*undocking*. Il-bacir kien qed jimtela bl-ilma biex malli l-vapur jaqta' minn fuq il-posti u jigi *afloat*, il-vapur jinzamm bil-*wire rope* halli ma jahbatx ma' naha u ohra tal-bacir. Dan isir fuq in-naha ta' wara biss billi fil-pruwwa ssir operazzjoni differenti mhux bil-*capstan*. Ghal habta ta' 4.30p.m. meta kien qed jzomm l-*wire rope*, il-gibda kienet qawwija mil-vapur u ngibed vicin mal-*capstan*. Fil-parti t'isfel tal-*capstan* il-*guard* kienet *cracked* (ara ritratt a fol. 22) u mal-gibda tal-vapur riglejh dahlet fil-bicca miksura, siequ inqabdet bejn il-hadid miksur, wegga' u tilef parti mill-pala ta' siequ. Il-*capstan* kien ilu miksur snin twal u kien jigi rappurtat regolarment pero' baqa' ma ssewwiex. Wara li wegga' imbaghad sewwewh. Saqajh dahlet ghax il-*guard* kienet miftuha. F'dak il-hin tal-incident ma jafx li xi hadd iccajta maghhom u xeghel li *switch*.

Fuq kontro-ezami wiegeb li

♦ is-sahha tal-bastiment jehodha l-*capstan* ghax hemm it-tidwiriet.

♦ hu jiffidja lill *capstan* u mhux lill-bastiment direttament.

♦ Il-*capstan* joperah ragel iehor. Hemm *switch board*. Dakinhar kien qed joperah Clotten.

♦ Id-direzzjonijiet jaghtihom il-*foreman* Richard Borg.

♦ Hu ma kienx wieqaf qed jistenna li jinfetah il-kexxun ghax kieku ma weggax.

♦ Hu kien preciz fejn il-*capstan* biex izomm il-gibda.

♦ Il-*capstan* kien wieqaf imbaghad xeghluh.

♦ Hdejh kien hemm Desira. Is-soltu jkunu tnejn. Kien warajh jigeb il-volta.

♦ Ic-*chargeman* Mamo tah l-ordni biex jigbed.

♦ Biex idur il-*capstan* trid tixghel is-*switch*.

♦ Trid iddur max-xoghol inkellha ssabtek

**Carmelo Magro** xehed li jahdem bhala *chargeman* u kien l-imghallem ta' l-attur. Dan kien mal-*capstan* jillaxka l-wire rope tal-vapur li kien imdawwar mal-*capstan*. Bil-gibda tal-vapur dak li jkun jingibed vicin mal-*capstan*. Saqajn l-attur inqabdet fil-bicca miksura tal-*guard* u wegga'. Il-*capstan* kien ilu miksur qabel gara l-incident u gie rrangat wara li wegga' Scicluna. Hu induna bl-incident mill-ghajjat. Hu ma jpoggi lill hadd mas-*switch board*. Meta wegga' l-attur id-*dock gate* ma kinitx miftuha. Meta wegga' ma waqfux mix-xoghol billi l-vapur kien ghadu tiela.

**Carmel Desira** xehed li kien fejn il-*capstan* jahdem ma l-attur u f'daqqa wahda rah b'saqajh imwahhla mal-*guard* li kienet miksura u mar jaghtih l-ghajnuna. L-incident ma rahx isir, sema l-ghajjat. Hu kien qed jahdem fuq *capstan* iehor.

**Joe Azzopardi** xehed li kien xi ftit metri l-boghod minn Scicluna, fejn il-*bollard*, jaghmlu l-*undocking*. F'daqqa wahda sema l-ghajjat. Hu ma semghax diskors ta' Clotten fis-sens "ara x'ghamiltlek" lill-attur. Il-*capstan* kien ilu bil-hsara u l-*managers* kienu jafu bih.

**Charles Clotten** xehed li kien fin-*number 2 dock* fejn kellu jsir l-*undocking*. Hu kien gie mqabbad biex jixghel is-*switch* tal-*capstan*. F'daqqa wahda ra lill-attur b'saqajh maqbuda mal-*guard* li kienet miksura u mar jaghtih l-ghajnuna. Hu kien gie ordnat ma li *switch board* minn Vincent Fenech. Kienet giet l-ordni biex jirrilaxxjaw il-*wire*, l-attur kien qed izomm il-*wire* f'idejh, u hu ghafas il-buttuna tal-*capstan* biex imajna. Imbaghad sema ajma u waqqaf kollox u mar jaghti l-ghajnuna lill siehbu. Fenech kien mad *dock* fejn il-kexxun. Hu kien qed ihares lejn Scicluna. Malli Fenech qallu biex imajna hu ghafas il-buttuna u meta sema ajma waqqaf. Dak il-hin kien qed jara x'qed jigri u ra l-*capstan* idur. Hu kien ra lil kullhadd f'postu. Scicluna kien wara l-*capsta*, u l-vapur quddiem. Scicluna kien qed ihares lejn il-bastiment. Lil Scicluna kien qed jarah dak il-hin li xeghel il-*capstan*. Dan kien qed izomm il-*wire*. Lil Scicluna kien qallu li ser jixghel. Malli xeghel, sema ajma, ajma u tefa mill-ewwel. Meta huwa xeghel, Scicluna kellu jkun fejn il-*capstan* biex ihaddmu. Biex thaddmu, xi hadd irid izomm il-*wire*. Hu kien qal lil Scicluna li kien ser jvira (jigbed). Scicluna ma kienx qed jistrieh mal-*capstan*. Hu ma kienx iccajta ma' Scicluna.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Il-konvenuti bhala *employers* ta' l-attur kellhom id-dover li jaraw li l-konvenut jahdem f'post tax-xoghol fejn jigu osservati l-mizuri kollha ta' sikurta' biex tigi garantita l-inkoluminta' fizika tal-haddiema.

L-*employer* hu responsabbili ghal dawk l-incidenti li jigru fil-hin li l-haddiem ikun qed jaghmel xoghol ghalih.

"*The accident must arise when the employee is doing what a man so employed might reasonably be doing during a time during which he was employed and at a place where he may reasonably be during that time to do that thing.*" (Moore vs Manchester Line Ltd ).

L-Att V11 tal-1994 Kap 367 l-artikolu 9 jipprovvdi:

(1) *It shall be the duty in general of an employer to ensure that all reasonable measures and precautions have been taken -*

(a) *to render every place of work under his control, free from all dangers to health and safety, so far as reasonably practical;*

(b) *so that the work environment in work places under his control is reasonably favourable to health and free from avoidable physical or psychological stress*;

(c) *to prevent industrial accidents, injuries and disease;*

(d) *to provide facilities at the place of work for first aid in case of accident or injury; and*

(e) *inform every worker therein about the dangers to health and safety in the workplace and about the best methods of prevention.*

*Employer* jista' jonqos milli jwettaq l-obbligi tieghu wkoll :

*When the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it.*

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILITA'**

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-incident gara tort ta' l-attur billi dana dahhal saqajh mhux fejn il-*capstan* kien miksur izda fuq in-naha l-ohra cioe' fil-kanal fejn il-*guard* kien shih. Ghalhekk kien hemm traskuragni da parti ta' l-attur li dahhal siequ fejn ma kellux meta gie mwissu qabel li l-*capstan* kien ser jinxtghel.

Illi mill-provi prodotti pero' jirrizulta li fil-fatt l-incident gara meta l-attur kien qed jzomm l-*wire rope* tal-vapur. Hin minnhom il-gibda tqawwiet u ngibed vicin tal-*capstan*. Fil-parti t'isfel tal-*capstan* il-*guard* kienet *cracked* u mal-gibda riglejh dahlet fil-bicca miksura, u siequ inqabdet bejn il-hadid miksur, wegga u tilef parti mill-pala ta' siequ. Saqajh kienet dahlet fil-parti tal-*capstan* ghax il-*guard* kienet miksura.

Carmel Desira li kien qed jahdem hdejn l-attur xehed li f'daqqa wahda rah lill-attur b'saqajh imwahhla mal-*guard* li kienet miksura u mar jaghtih l-ghajnuna. Ma jirrizultax minn dawn il-provi li l-attur dahhal righlejh fil-kanal li kien hemm madwar il-*capstan* kif qed jikkontendu l-konvenuti imma dina nqabditlu fil-parti tal-*capstan* li kienet miksura.

Mid-domandi li saru in kontro-ezami l-konvenuti donnhom riedu jaghtu l-impressjoni li l-incident gara minhabba xi cjata fis sens li xi haddiem xeghel

is-*switch* tal-*capstan* meta l-attur kien qed jistrih fuqu u kif il-haddiem sema li l-attur wegga' tefa' s-*switch* mil ewwel.

Provi dwar dan ma ngabux u l-persuna li qabdet is-*switch* cahdet li hija ghamlet xi cajta lill-attur. Jirrizulta invece li dan Clotten kien inkarigat biex jixghel u jitfi s-*switch* tal-*capstan*. Hu kien inghata ordni mill-manager Vincent Fenech biex jixghel is-*switch* tal-*capstan* billi l-vapur fid-*dock* kien tiela' u qabel xeghel is-*switch* Clotten sejjah lill-attur, li kien qieghed fejn il-*capstan*, biex javzah. Dak il-hin l-attur kellu jkun fejn il-*capstan* biex jigbed u jerhi it-*turns* ta' li *steel wire*.

Il-konvenuti issottomettew ukoll li huma ma naqsux milli jipprovvdu *a safe system* jew *practice of work*. Huma pprovdew nies kwalifikati li kienu mghallma u kellhom esperjenza bizzejjed ghax-xoghol li kienu nkarigati biex jaghmlu.

Carmelo Magro xehed li l-*capstan* kien ilu hames snin bil-hsara u ghalkemm informa lis-superjuri tieghu dawn ma hadux passi biex jirrangaw il-hsara li kien hemm fil-*capstan* hlief wara li korra l-attur. Inoltre jirrizulta mill-provi prodotti li ghalkemm kien hemm is-*safety officers* li kellhom l-obbligu li jduru fid-dintorni tad-dockyard biex jiccekkjaw dwar *safety*, huma ma ghamlu xejn biex jirrangaw dana l-*guard* avolja kienu jafu l-istat li kien fih. Il-*managers* kienu jafu b'dana n-nuqqas u ghalkemm irrappurtat, baqa' kif kien ghal snin.

Nuqqas iehor da parti tal-konvenuti kien li huma ma poggewx ghal diversi snin persuna kwalifikata ma' li *switchboard* biex ihaddem il-*capstan* u minflok *liner* jew *fitter* kif suppost huma poggew *rigger* li ma kienx xogholu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall-incident kien in-nuqqas da parti tal-konvenuti li, bi ksur tar-regolamenti, naqsu li jipprovdu lill-attur ambjent sikur

ta' xoghol. Huma hallew il-post tax-xoghol fejn kien qed jahdem l-attur mhux sufficjentement protett u b'hekk kontra r-regoli tal-ligi stabiliti fil Health and Safety Act 1994 u anke kontra d-dettami tal-prudenza rikjesta minn kull persuna li ma thalliex oggetti ghall-uzu b'mod li jkunu perikoluzi, minghajr certi *safeguards* li huma maghrufin minn kull "*bonus pater familias*".

Ir-responsabilta' hija tal-konvenuti u mhux impjegati tal-konvenuti billi dawna, ghalkemm kienu jafu bin-nuqqas li kien hemm, u ghalkemm rrapportaw dana, l-konvenuti baqghu ma hadux passi biex jirrimedjaw, hlief wara li korra l-attur.

Kwantu ghall-attur, jirrizulta mill-provi li dana ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti minnu. Hu kien liebes *safety helmet*, ingwanti u *safety shoes*. Inoltre hu ma kienx negligenti u m'ghamel xejn li seta wassal ghall-incident jew ikkontribwixxa ghalih. Ghalkemm l-attur kien jaf li l-*guard* kienet bil-hsara, hu ma kellux xelta ohra hlief li javza lis-superjuri b'dana, haga li fil-fatt ghamel. Mill-qbija ma kienx jiddependi minnu jekk dina tissewwiex jew le. Hu ma setghax jirrifjuta li jahdem impunement.

**DIZABILITA'**

Fl-incident l-attur tilef subghajh il-kbir ta' riglejh il-leminija u wara kellhom jaqtghulu anke t-tieni subgha. Ghamel hames xhur ma jistax imur ghax-xoghol. Dahal lura ghax xoghol fl-ahhar ta' Settembru, 1995.

L-attur ezebixxa certifikat mahrug mill-Profs. C. .Apap Bologna (fol. 33) fejn iccertifika li  attur kellu *permanent disability* ta' 25% (ara fol. 5) billi kien sofra *cosmetic* u *functional disability*.

Dina l-Qorti kienet innominat lill Dr. Charles Grixti u dana kien ikkonkluda li ghalkemm l-attur jista' jimxi, hu ghandu limitazzjonijiet fejn il-kapacita' biex jimbotta meta l-ponot tas-swaba jmissu mal-art, jigifieri, fil-*push off phase* tal-mixi. Meta jilbes zarbun issikkat, it-truf ta' fejn inqatghu is-swaba huma sensittivi u jista' wkoll jaffettwaw il-pazjent fil-miexi. Minhabba dan hu tah dizabilita' ta' 8%.

**DANNI**

L-artikolu 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi kif ghandhom jitqiesu d-danni.

Dawn jikkonsistu f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*.

**Damnum Emergens**

Matul il-perjodu li kien l-isptar jew id-dar bis-*sick leave*, l-attur kellu tnaqqis fil-paga peress illi ma kienx qed jahdem *overtime*. Anke wara li dahal ghax-xoghol hu ma setghax jahdem daqs kemm kien jahdem qabel l-incident minhabba li kien jghejja malajr u l-ugiegh f'saqajh ma kienx ihallih jahdem daqs qabel. Sal-lum ghadu ma jistax jimxi sew.

L-attur ma ghamilx spejjez medici u bhala *damnum emergens* m'hu qed jippretendi xejn (ara nota ta' sottomissjonijiet).

**Lucrum Cessans**

L-attur qed jikkontesta l-konkluzzjoni tal-espert mediku nominat minn dina l-Qorti billi qed isostni li dana njora kompletament is-*schedule* tal-1983 pubblikata mill-Gvern fir-rigward tad-dizabilitajiet permanenti li hu kriterju oggettiv mentri l-espert tal-Qorti ha *approach* totalment soggettiv.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciz 1 ta' Marzu 1994 : "Il-Qorti, sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, dan ma taghmlux." u

"larament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku jew mediku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana".

Illi s-*schedule* tal-ligi msemmija mill-attur gie revokata u thassret bl-Att X tal-1987. Barra minn hekk kieku l-attur ried jikkontesta l-konkluzzjoni tal-espert mediku, huwa kellu triq ohra miftuha ghalih biex jaghmel dana billi jitlob in-nomina ta' periti perizjuri. Haga li l-attur m'ghamilx. Ghalhekk il-Qorti ser toqghod fuq il-konkluzzjoni tal-espert minnha nominat.

Il-Qorti ghalhekk qeda tadotta percentwali ta' dizabilita' ta' 8% fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*.

Il-konvenuti qed jissottomettu li wara l-incident l-attur effettivament ma tilef ebda dhul billi ghadu impjegat mal-Malta Drydocks u baqa' jaghmel is-sahra u jiehu l-*allowances* kollha bhal haddiema l-ohra. Huma ziedu jghidu li l-kalkolu ta' telf futur irid ikun rejali u fondat mhux inventat. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-attur tilef jew jista' jitlef xi qliegh rejali futur.

Fis-sentenza App. Gatt vs Carbone deciza fis-7 ta' Lulju, 1998 dik il-Qorti kienet irriteniet li l-fatt li persuna dizabbli tkun qed tahdem u taqla' aktar milli kienet qed taqla' qabel korriet ma jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita' necessarjament timplika nuqqas fil-persuna fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss ma l-*employer* prezenti izda ukoll ma' terzi jew anke jekk tahdem ghal rasha.

Id-dhul ta' l-attur hu indikat fin-nota a fol. 42-44. Il-konvenuti issottomettew li l-*working wage* ta' l-attur kienet bhala *basic* ta' Lm69.91 ara Dok MDD 3 u mhux kif qed jippretendi l-attur fid-dokumenti msemmija.

Il-konvenuti issottomettew ukoll li tenut kont li l-attur ma tilef xejn mill-paga, ma jaghmilx sens li jerga' jinghata zidiet ipotetici fuq il-qliegh *extra* li xorta ghamel.

Tenut kont tal-principju fuq enunzjat li l-attur ghandu jigi kompensat allavolja hu baqa' fl-istess xoghol u tenut kont taz-ziedet futuri ohra li normalment jigu moghtija kull sena biex jaghmel tajjeb ghal gholi tal-hajja l-Qorti serja tiehu bhala bazi ta' qliegh fil-gimgha s-somma ta' Lm110 .

Dwar il-*multiplier* il-konvenuti ma jaqblux li l-attur ghandu jinghata sa eghluq il-61 sena. Huma jsostnu li l-attur kellu 50 sena meta gara l-incident u ghandu jigi applikat *multiplier* ta' 7 snin.

Rigward il-*multiplier* li ghandu jigi adoperat jirrizulta li l-attur kien korra fis-6 ta' Mejju, 1995 meta kellu 50 sena billi twieled fil-1945 (Dok NS1) u billi hu mistenni li l-attur jispicca l-hajja lavorativa tieghu mal 61, izda tenut kont ukoll tal kontingenza tal-hajja l-Qorti ser tiehu *multiplier* ta' 8 snin.

Kwantu ghat-tnaqqis rigward l-*lump sum payment*, il-konvenuti qed jippretendu li jitnaqqsu 25% billi dina l-kawza ma tantx twalet u l-aktar li ha zmien kien l-attur stess biex iressaq il-provi tieghu u ma kienx hemm dewmien da parti tal-konvenuti.

Jirrizulta li mid-data ta' l-incident sad-data tas-sentenza ser ikunu ghaddew sitt snin ghalhekk ghandu jsir tnaqqas ta' 8%, cioe' 2% ghal kull sena.

**KALKOLU**

Il-*lucrum cessans* ghandhu ghalhekk jigi kalkolat kif gej:-

| | | |
|---|---|---|
| Paga | Lm110 x 52 | Lm5,720 |
| Ghal 8 snin | 8 x Lm5,720 | Lm45,760 |
| 8% Dizabilita' | | Lm3,660.80 |
| 8% *Lump Sum* | | Lm3,367.93 |

**TOTAL Lm3,367.93**

**RIEPILOGU**

**Lucrum Cessan** **Lm3,367.93**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara lill Malta Drydocks unikament responsabbili ghal-incident tas 6 ta' Mejju, 1995 li fih korra l-attur u ghad danni rizultanti;

tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm3,367.93;

tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**